University, u nittamaw li bil-preżenza tiegħu u bis-saħħa ta' ħidmietu, għad isseħħ il-ħolma ta' Mac Laurin, li l-Ilsien Malti jieħu sehmu fit-tagħlim tas-Semitku.

Fil-ġurnal "Ix-Xefaq', ħarġa ta' l-1970, kien deher appell mill-Prof. Mas Laurin lill-Maltin ta' l-Awstralja, u tabilħaqq lil kull min ried jagħti widen, biex jirfdu kull ħidma għad-dħul tal-Malti fl-iskejjel. Dan l-istess professur kien ta taħdita fuq dan is-suġġett fil-Lejla Letterarja li kienet saret fil-każin tal-Maltin li kien hemm fi Smithfield dak iż-żmien. Kien anki ta ħinu biex jindirizza l-Maltese Community Council ta' N.S.W., meta spjegalhom kif għandhom jagħmlu biex jiksbu drittijiethom u kien wegħedhom l-appoġġ kollu tiegħu.

Jiena minn qiegħ qalbi nsellem lil dan il-ħabib tagħna, u forsi l-Akkademja tal-Malti jidhrilha li hi wkoll għandha tonorah għal kulma għamel f'ġieh l-għażiż ilsienna.

R. BIN-BOVINGTON, li huwa wieħed mill-ħbieb kbar ta' l-Ilsien Malti fl-Awstralja, ftit ġimgħat ilu għoġbu jagħmel għotja ta' £23,39 lill-Akkademja tal-Malti. Minbarra li hu jixtieq igħin lill-Akkademja b'din is-somma sabiħa, il-ħsieb tiegħu hu li jħajjar lill-oħrajn jagħmlu l-istess ħaġa. R. Bin-Bovingdon qalilna li waqt serata ta' kant bil-Malti li huwa ta fil-ħażin tal-Maltin ġo Sydney, imsejjaħ Phoenicia Club, il-ħlas kollu li rċieva fittex jibagħtu lill-Akkademja tal-Malti biex din l-ogħla għaqda tal-Kittieba tal-Malti tissokta bil-ħidma kbira tagħha għall-ġieh ta' l-Ilsien tagħna. Grazzi mill-ġdid u prosit!

# Reċensjonijiet

*STEJJER MINN TARF IR-RAHAL*

Edizzjoni letterarja "Lejn ix-Xefaq" Nru. 3.

Fl-1973, l-Editur ta' "IL-MALTI" stedinni nikteb xi ħaġa dwar "L-ILMA tal-WIED' ta' Ġorġ Borg. Wara li qrajt dawk is-sebgħin poeżija, li, fis-sempliċità tagħhom saħħruni warajhom u magħhom għolejt il fuq f'titjira lirika li għadni ma nistax ninsa, ktibt reċensjoni li dehret stampata fi "IL-MALTI" — ħarġa ta' Settembru, ta' l-istess sena. F'Ġorġ Borg jien kont għaraft poeta żagħżugħ li jipprometti ħafna u kont nistenna minnu bukkett ieħor ta' ward sabiħ, aktar imżewwaq u aktar ifuh (daż-żmien jgħidulu 'sofistikat') billi l-ħamrija fi ġnien il-Musi kienet tkun ġiet imsoqqija mill-milja tat-tiġrib spiritwali u korporali tal-poeta li bih tkun tlewwnet ħajtu bħalma l-ħajja ta' kull bniedem, saħansitra meta jittarraf fix-xagħri; aħseb u ara meta hu jkun qatta' parti kbira mis-sigħet ta' binhar jittratta mal-klijenti ta' bank kummerċjali.

Iżda did-darba Ġorġ Borg tana ktejjeb ta' stejjer qsar, kollha jidħru sempliċi ħafna, u xi wħud minnhom saħansitra bla ntreċċ li jistgħu jitqiesu kwadri magħmula minn erba' pinzellati ta' lwien impressjonistiċi. Imma lkoll frott tas-sens profond tal-ħajja nisranija, kif igħixuha n-nies tar-rħula tagħna — dawk li jibqgħu maqtugħin għalihom, bogħod mill-ħajja mxewxa ta' l-ibliet u kollha ħsejjes taċ-ċentri. F'xi wħud minnhom tħoss bħal ħajta fina ta' ironija, meta l-peprin ifakkrek fil-qerda li ġġib magħha l-gwerra, jew meta tiltaqa' ma' dawk iż-żewġ orfni li jindunaw li lanqas huma ma kienu minsija bħall-pupa li waħda minnhom kienet sabet. F'oħra jagħfasna swied il-qalb liriku meta nsibu ruħna ġo sptar fejn "tingħasar il-qalb, ibati l-ġisem u tiżfen il-mewt". Fi "In-Niċċa tal-Madonna", tfajjel marid, b'att l-aktar sempliċi, jagħtina tagħlima kbira — kemm għandna bżonn nieħdu ħsieb li l-fjuri tagħna quddiem l-Omm tal-Ħniena ma jkunu qatt midbiela! Mhux nieqes ukoll dak l-umorismu delikat li jisfa' fi tbissima imma li fl-istess ħin jurina li l-karità li ppriedka Kristu mhix li tagħti miż-żejjed tiegħek, imma li tagħti bl-imħabba — anki jekk dak li tagħti jkun biss kliem — għax ma jkollokx ħaġ'oħra — kliem ta' simpatija u ħniena li piżhom hu itqal mid-deheb fin tat-teżori rjali.